



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

9636/23
ADD 1

LIMITE

CORLX 522
CFSP/PESC 751
COTER 103
CONOP 41
CONUN 126
COARM 121

NOTA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-
universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni
Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari (ICSANT)
- Anness

ANNESS

DOKUMENT TA' PROĠETT

dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari

Taqsira eżekuttiva

Sfond

Il-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari (ICSANT) tal-2005 hija waħda mid-19-il strument legali internazzjonali kontra t-terroriżmu, essenzjali għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali. Minn Marzu 2023 'l hawn, l-ICSANT għandha 120 Parti, li jfisser li aktar minn terz tad-dinja għadha mhijiex protetta mill-Konvenzjoni. Sabiex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tal-ICSANT, u biex jiġu evitati rifuġji sikuri u lakuni legali, l-universalizzazzjoni tibqa' għan ewlieni. Madankollu, li wieħed isir parti huwa biss l-ewwel pass meħtieġ u l-implimentazzjoni effettiva (leġislattiva u teknika) hija wkoll kruċjali.

Is-sħubija fl-ICSANT tinvolvi l-adozzjoni tal-leġislazzjoni ta' implimentazzjoni nazzjonali meħtieġa biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti kollha stipulati fil-Konvenzjoni jiġu trasposti b'mod adegwat fis-sistemi legali nazzjonali. Dan jipprovdi kopertura legali komprensiva għal reati li jinvolvu materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor, inkluż atti terroristiċi, kif ukoll mekkaniżmi għall-prevenzjoni ta' tali mgħiba u r-rispons għaliha.

L-ewwel proġett bejn l-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti dwar il-*Promozzjoni tal-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari*, beda fl-2019 u ser jiġi ffinalizzat f'Ġunju 2023. Huwa jirrappreżenta sħubija ta' sigurtà multilaterali importanti li sservi biex tindirizza t-theddida persistenti ta' materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor li jkun qed jiġi akkwistat jew użat minn atturi mhux Statali għal skopijiet terroristiċi jew kriminali oħra. Dan huwa speċjalment rilevanti fi żmien meta l-attenzjoni politika għall-kwistjoni tas-sigurtà nukleari żdiedet madwar id-dinja.

Raġunament tal-proġett

L-ICSANT għadha rilevanti ħafna, mhux biss għal pajjiżi b'materjal nukleari u programmi tal-enerġija nukleari, iżda wkoll għall-pajjiżi l-oħra kollha, peress li l-ICSANT tkopri wkoll materjal radjuattiv ieħor użat b'mod komuni – fost l-oħrajn – fil-mediċina, fl-industrija u fl-agrikoltura. Għalhekk, huwa meħtieġ li titkompla l-promozzjoni u l-appoġġ tal-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni, billi jintwera l-benefiċċju għall-Istati kollha li jissieħbu fit-trattat u jipprevjenu u jipprojbixxu mgħiba terroristika u mgħiba kriminali oħra minn atturi mhux Statali li tinvolvi materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor. F'dan ir-rigward, l-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti ser jerġgħu jissieħbu fi proġett ġdid dwar l-*Appoġġ għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari*.

Għan tal-Proġett

Il-proġett għandu l-għan li jiżgura li ma jkun hemm l-ebda rifuġju sikur għal dawk li jwettqu jew ifittxu li jippruvaw iwettqu atti terroristiċi jew atti kriminali oħra li jinvolvu materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor, billi jappoġġa l-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-ICSANT.

Tul ta' Żmien tal-Proġett

1 ta' Lulju 2023 – 30 ta' Ġunju 2026 (36 xahar)

Kamp ta' Applikazzjoni Ġeografiku tal-Proġett

Dinji, reġjonali, nazzjonali

Approċċ tal-Proġett

Dan il-proġett ser jiġi implimentat mill-Ferġha tal-Prevenzjoni tat-Terroriżmu (TPB) tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC), permezz tal-Programm tagħha għall-Prevenzjoni tat-Terroriżmu CBRN, u mill-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu (UNOCT), permezz tal-Programm taċ-Ċentru tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu (UNCCT) dwar il-Prevenzjoni u r-Rispons għall-Armi ta' Qerda Massiva/Terroriżmu Kimiku, Bijoloġiku, Radjoloġiku u Nukleari (WMD/CBRN), b'kollaborazzjoni mill-qrib ma' uffiċċji fuq il-post rilevanti kif ukoll organizzazzjonijiet internazzjonali u mhux governattivi, kif xieraq, inkluż id-Delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, l-Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea dwar iċ-Ċentri ta' Eċċellenza għall-Mitigazzjoni tar-Riskju CBRN (CBRN CoE tal-UE), l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA), l-Istitut Interreġjonali ta' Riċerka tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kriminalità u l-Ġustizzja (UNICRI), l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Affarijiet ta' Diżarm (UNODA) u l-Grupp ta' Esperti tal-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit skont ir-riżoluzzjoni 1540 (2004).

Il-proġett ser jinqasam f'żewġ komponenti, li kull wiehied minnhom għandu jiġi implimentat mill-UNODC u mill-UNOCT/UNCCT, rispettivament, f'konformità mal-mandati u l-għarfien espert tagħhom. Dan ser jirriżulta f'xi outputs u attivitajiet li qed jiġu implimentati mill-UNODC, filwaqt li oħrajn ser jiġu implimentati mill-UNOCT/UNCCT. F'xi każijiet, iż-żewġ entitajiet ser ikunu involuti.

Il-proġett ser jibni fuq l-attivitajiet li saru u l-ġhodod żviluppatti matul il-proġett stipulat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1939 tal-10 ta' Diċembru 2018.

Dan ser jitmexxa f'konformità mar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u mal-Istrateġija Globali tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra t-Terroriżmu (GCTS) li jenfasizzaw bil-qawwa li l-miżuri kollha għall-ġlieda kontra t-terroriżmu jridu jkunu konformi mal-obbligi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Normi u standards internazzjonali eżistenti dwar id-drittijiet tal-bniedem (kif jinsabu fit-trattati, id-dritt konswetudinarju u strumenti oħra) ser jiġu integrati fil-proġett.

Il-proġett ser jiġi implimentat b'mod sensitiv għall-ġeneru, b'perspettivi tal-ġeneru integrati fil-proġett kollu. Il-proġett ser jippromwovi l-perspettivi tal-ġeneru u jintegra d-dimensjoni tal-ġeneru fil-metodoloġija tiegħu u, sa fejn possibbli, jiżgura opportunitajiet indaqs għall-uffiċjali nisa u rġiel biex jipparteċipaw fl-avvenimenti kollha tal-proġett, filwaqt li jissottolinja l-benefiċċji tal-inklużjoni ta' uffiċjali pubbliċi nisa fl-istituzzjonijiet nazzjonali. Il-feedback kollu miġbur minn sħarriġ u testijiet ta' qabel u ta' wara workshop ser ikun diżaggregat skont il-ġeneru, biex jiġi żgurat li l-proġett ikun jista' jidentifika u jirrapporta dwar il-perspettiva ta' uffiċjali nisa. L-indikaturi tal-proġetti ser jiġbru u jirrapportaw data diżaggregata skont il-ġeneru.

L-UNODC u l-UNOCT ser jikkoordinaw kif xieraq dwar l-implimentazzjoni tal-attivitajiet rispettivi tagħhom.

Kull meta jintalab għarfien espert estern biex jiġu implimentati l-attivitajiet, l-UNODC u l-UNOCT ser jagħmlu hilitom biex jinvolvu esperti mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

Il-proġett ser jinkludi kooperazzjoni mal-komunità internazzjonali u l-awtoritajiet nazzjonali, inkluż il-Parlamenti, il-Ministeri għall-Ġustizzja u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, biex jippromwovi l-universalizzazzjoni tal-ICSANT, itejjeb il-viżibbiltà dwar l-importanza tal-aderenza u jibni l-kapaċitajiet għall-implimentazzjoni effettiva tagħha.

Eżiti tal-Proġett

Eżitu 1: Għadd akbar ta' Stati li jikkunsidraw/jibdew proċessi/isiru Partijiet għall-ICSANT u sensibilizzazzjoni u għarfien akbar dwar l-ICSANT fost il-benefiċjarji (dawk li jfasslu l-politika nazzjonali u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, inkluż il-parlamentari) u fil-fora internazzjonali. Is-sinerġiji ma' strumenti legali internazzjonali rilevanti oħra (CPPNM, ACPPNM, ir-riżoluzzjoni 1540 tal-KSNU) huma sfruttati kif xieraq.

Eżitu 2: Leġiżlazzjoni nazzjonali mtejba u kapaċità mtejba tal-uffiċjali tal-ġustizzja kriminali u partijiet ikkonċernati nazzjonali rilevanti oħra fil-pajjiżi benefiċjarji biex jinvestigaw, iħarrku u jiddeċiedu każijiet li fihom l-ICSANT tkun ta' rilevanza.

Eżitu 3: Politiki, Prattiki u proċeduri msaħħa għall-prevenzjoni, il-kxif u r-rispons għat-theddida ta' atturi mhux Statali, inkluż terroristi, l-akkwist, il-pussess u/jew l-użu ta' materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor u għarfien u fehim imtejba tat-theddida tat-terroriżmu radjoloġiku u nukleari u mgħiba kriminali oħra li tinvolvi tali materjal.

Eżitu 4: Kooperazzjoni nazzjonali u internazzjonali msaħħa, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni, fi ħdan u fost l-Istati Partijiet fit-tfassil u l-adozzjoni ta' miżuri effettivi u Prattiċi għall-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni.

Outputs u Attivitajiet tal-Proġett

Eżitu 1: Għadd akbar ta' Stati li jikkunsidraw/jibdew proċessi jew isiru Partijiet għall-ICSANT u sensibilizzazzjoni u għarfien akbar dwar l-ICSANT fost il-benefiċjarji (dawk li jfasslu l-politika nazzjonali u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, inkluż il-parlamentari) u fil-fora internazzjonali. Is-sinerġiji ma' strumenti legali internazzjonali rilevanti oħra (CPPNM, ACPNM, ir-riżoluzzjoni 1540 tal-KSNU) huma sfruttati kif xieraq.

Output 1.1: Promozzjoni tal-importanza tal-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-ICSANT, permezz tal-viżibbiltà, is-sensibilizzazzjoni u l-kontribut għal avvenimenti rilevanti

Attività 1.1.1: It-tnedija tal-proġett u l-preżentazzjoni ta' riżultati minn attivitajiet preċedenti (UNODC/UNOCT)

L-UNODC u l-UNOCT/UNCCT ser jorganizzaw tnedija tal-proġett fi Vjenna u New York rispettivament, filwaqt li jistiednu Missjonijiet Permanenti lokali tal-Istati Membri. L-implimentaturi ser jagħmlu hilitom biex jinkludu rappreżentanza minn Stati Membri ewlenin, kemm mill-Unjoni Ewropea, kif ukoll mill-Istati Membri tar-reġjuni mmirati biex jibnu interess u momentum għal dan it-tieni proġett u jiffaċilitaw l-implimentazzjoni fil-livelli nazzjonali u reġjonali. Dawn l-avvenimenti ser jipprovdu wkoll opportunità biex jiġu kondiviżi r-riżultati u t-tagħlimiet meħuda mill-proġett preċedenti.

Attività 1.1.2: Promozzjoni tal-Istudju dwar ir-Raġunijiet u l-Isfidi għala l-Istati Membri tan-Nazzjonijiet Uniti Ma Sarux Parti għall-ICSANT u Għodod għall-Implimentazzjoni Effettiva tagħha (UNOCT)

L-UNOCT/UNCCT ser jorganizzaw tliet (3) sessjonijiet biex jippromwovu u jxerrdu l-Istudju dwar ir-Raġunijiet u l-Isfidi għala l-Istati Membri tan-Nazzjonijiet Uniti Ma Sarux Parti għall-ICSANT u Għodod għall-Implimentazzjoni Effettiva tagħha żviluppat matul il-proġett ICSANT, li ser jiġi konkluż f'Ġunju 2023. L-istudju jippreżenta l-fehim aktar profund tar-raġunijiet u l-isfidi għala l-Istati Membri li ma sarux parti għall-ICSANT u joħroġ għadd ta' rakkomandazzjonijiet dwar kif tiġi żgurata aktar aderenza u implimentazzjoni effettiva. B'mod partikolari, l-UNOCT/UNCCT ser ikompli jaħdmu mal-Istati Membri ewlenin li jistgħu jibbenefikaw mir-riżultati u l-gwida tal-Istudju.

Attività 1.1.3: Viżibbiltà, sensibilizzazzjoni u kontribut għal avvenimenti relatati mal-ICSANT ospitati minn organizzazzjonijiet oħra (UNODC/UNOCT)

Fil-mandati rispettivi tagħhom u kif xieraq, l-UNODC u l-UNOCT/UNCCT ser jikkontribwixxu kompetenza esperta u jippromwovu l-ICSANT u l-ħidma tagħhom taħt il-proġett f'fora internazzjonali rilevanti, bħal avvenimenti relatati ma'/organizzati minn:

- oqfsa legali internazzjonali, inkluż, iżda mhux limitati għall-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Fiżika tal-Materjal Nukleari u l-Emenda għaliha, ir-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, it-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari;
- organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluż, iżda mhux limitati għall-IAEA, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali (INTERPOL), l-UNICRI, l-Istitut tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Riċerka dwar id-Diżarm (UNIDIR), l-UNODA, l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Affarijiet Legali (OLA);
- is-soċjetà ċivili, inkluż organizzazzjonijiet mhux governattivi;
- inizjattivi internazzjonali li jinkludu, iżda mhux limitati għal, is-CBRN CoE tal-UE, is-Sħubija Globali Kontra l-Firxa ta' Armi u Materjal ta' Qerda Massiva, l-Inizjattiva ta' Theddid Nukleari u l-Patt ta' Koordinazzjoni Globali tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra t-Terroriżmu.

Output 1.2: L-aderenza għall-ICSANT u s-sinerġiji ma' strumenti legali internazzjonali rilevanti oħra huma promossi u miżjuda

Attività 1.2.1: Promozzjoni tal-aderenza permezz ta' żjarat ta' pajjiżi (UNODC)

Filwaqt li jibni fuq is-sensibilizzazzjoni estensiva mwettqa mill-UNODC għall-universalizzazzjoni u n-network vast ta' uffiċċji fuq il-post tiegħu, l-UNODC ser jorganizza tmien (8) żjarat ta' pajjiżi fi Stati li għadhom mhumiex parti għall-ICSANT u li skont l-analiżi tal-UNODC u l-impenn preċedenti tiegħu jibbenefikaw l-aktar minn konsultazzjonijiet wiċċ imb'wiċċ fil-kapital. L-UNODC jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati nazzjonali rilevanti inkluż Membri Parlamentari kif xieraq fiż-żjarat ta' pajjiżi.

Attività 1.2.2: Il-promozzjoni tal-aderenza permezz tal-involvement mal-Parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri mhux Partijiet għall-ICSANT (UNOCT)

L-UNOCT/UNCCT ser jorganizzaw tliet (3) avvenimenti nazzjonali biex jappellaw b'mod konġunt lill-Parlamenti tal-Istati Membri li għadhom mhumiex Parti għall-Konvenzjoni. Partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, inkluż il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, il-Ministeru għall-Ġustizzja, l-awtoritajiet regolatorji nukleari u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi ser jiġu mistiedna wkoll biex jattendu l-briefing. L-avvenimenti nazzjonali ser jiffokaw fuq ir-rilevanza tal-ICSANT biex tissaħħaħ is-sigurtà nukleari, il-komplementarjetà u s-sinerġiji ma' strumenti legali internazzjonali oħra, il-benefiċċji tal-aderenza u r-riskju ta' nuqqas ta' aderenza, prattiki tajbin fl-implimentazzjoni u t-treddida tat-terroriżmu li jinvolvi materjal nukleari u radjuattiv. L-UNOCT/UNCCT, b'kollaborazzjoni mal-Programm UNOCT dwar l-Impenn Parlamentari fil-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu, l-Uffiċċju tal-Programm f'Doha, ser jaħdem mill-qrib ma' organizzazzjonijiet parlamentari internazzjonali u reġjonali biex jippromwovi l-aderenza mal-Konvenzjoni.

Attività 1.2.3: Promozzjoni tal-aderenza permezz ta' workshops reġjonali (UNODC)

L-UNODC, sabiex issaħħaħ is-sostenibbiltà tal-isforzi ta' universalizzazzjoni mwettqa taħt l-ewwel proġett tal-UE dwar l-ICSANT, ser jorganizza erba' (4) workshops ta' segwitu virtwali reġjonali, interreġjonali u subreġjonali għal dawk li jfasslu l-politika u jieħdu d-deċiżjonijiet ta' Stati li għadhom mhumiex parti għall-ICSANT (tlieta (3) bl-Ingliż, wieħed (1) bil-Franċiż).

Il-workshops virtwali ser jibnu fuq attivitajiet li saru skont id-Deċiżjoni preċedenti tal-Kunsill sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà. Materjal rilevanti żviluppat taħt il-proġett bħal tagħlim elettroniku u manwali ta' taħriġ kif ukoll materjal elettroniku ta' sensibilizzazzjoni (li hu diġà disponibbli bis-sitt lingwi uffiċjali kollha tan-NU) ser jintuża qabel u matul il-workshops kif xieraq. Minbarra li jiffukaw fuq l-ICSANT, il-workshops ser jindirizzaw sinerġiji mal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Fiżika tal-Materjal Nukleari u l-Emenda għaliha, kif ukoll ir-riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-KSNU, u jinvolvu partijiet ikkonċernati rilevanti kif xieraq (eż. l-IAEA). L-UNODC ser iħeġġeġ lill-Istati jinkludu Membri Parlamentari fost il-persuni nominati għall-workshops virtwali.

Attività 1.2.4: It-tieni seminar konġunt IAEA-UNODC biex jippromwovi l-universalizzazzjoni tal-ICSANT u l-Emenda għas-CPPNM (UNODC)

Filwaqt li jibni fuq l-ewwel avveniment konġunt ta' suċċess li sar fil-11 u t-12 ta' Novembru 2021, l-UNODC ser jorganizza t-tieni avveniment ta' dan it-tip flimkien mal-IAEA. L-avveniment ser isir fi Vjenna, l-Awstrija.

Attività 1.2.5: Promozzjoni tal-aderenza permezz ta' avveniment ta' livell għoli fil-marġini tal-Konferenza Internazzjonali tal-IAEA fl-2024 dwar is-Sigurtà Nukleari (UNODC)

Filwaqt li jibni fuq l-avveniment parallel li l-UNODC kellu fl-2020 fil-marġini tal-Konferenza Internazzjonali tal-IAEA dwar is-Sigurtà Nukleari (ICONS), l-UNODC ser jorganizza avveniment ta' livell għoli fl-ICONS li jmiss fi Vjenna, l-Awstrija, fl-2024. Il-Konferenza hija laqgħa ewlenija dwar is-sigurtà nukleari li tinkludi segment ministerjali u programm xjentifiku u tekniku u b'hekk tkopri diskussjonijiet ta' politika ta' livell għoli u sessjonijiet tekniċi paralleli. Għall-aħħar Konferenza fl-2020 attendew aktar minn 57 ministru u aktar minn 2000 espert minn aktar minn 130 pajjiż u 35 organizzazzjoni internazzjonali.

Attività 1.2.6: Promozzjoni tal-aderenza permezz ta' avveniment ta' livell għoli fil-marġini tal-Ġimgħa Kontra t-Terroriżmu fi New York (UNOCT)

L-UNOCT/UNCCT ser jorganizza avveniment ta' livell għoli matul il-Ġimgħa ta' Kontra t-Terroriżmu fin-Nazzjonijiet Uniti fi New York, laqgħa biennali ta' viżibbiltà għolja tal-Istati Membri u sħab internazzjonali fil-għieda kontra t-terroriżmu.

Attività 1.2.7: Avveniment parallel dwar id-dimensjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem waqt l-implimentazzjoni tal-ICSANT (UNODC/UNOCT)

L-UNODC u l-UNOCT ser imexxu avveniment parallel dwar id-dispożizzjonijiet tal-ICSANT dwar id-drittijiet tal-bniedem. Il-kelliema mistiedna ser jinkludu r-Rapporteur Speċjali dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet intergovernattivi u mhux governattivi oħra. L-avveniment ser jibni, fost l-oħrajn, fuq il-Kurrikulu tal-UNODC ta' Taħriġ Legali Kontra t-Terroriżmu Nru 4 dwar id-*Drittijiet tal-Bniedem u r-Rispons tal-Ġustizzja Kriminali għat-Terroriżmu*, kif ukoll il-Kurrikulu tal-UNODC ta' Taħriġ Legali Kontra t-Terroriżmu Nru 1 dwar il-*Ġlieda Kontra t-Terroriżmu fil-Kuntest tad-Dritt Internazzjonali*.

Eżitu 2: Leġiżlazzjoni nazzjonali mtejba u kapaċità mtejba tal-uffiċjali tal-ġustizzja kriminali u partijiet ikkonċernati nazzjonali rilevanti oħra fil-pajjiżi benefiċjarji biex jinvestigaw, iħarrku u jiddeċiedu każijiet li fihom l-ICSANT tkun ta' rilevanza.

Output 2.1: Tingħata assistenza leġiżlattiva lill-Istati rikjedenti

Attività 2.1.1: Assistenza leġiżlattiva rilevanti biex tagħti effett lid-dispożizzjonijiet tal-ICSANT u tiffaċilita l-applikazzjoni tal-liġi minn uffiċjali tal-ewwel linja, l-infurzar tal-liġi, il-prosekuturi u l-ġudikatura (UNODC)

L-UNODC ser jipprovdi assistenza leġiżlattiva rilevanti lill-Istati rikjedenti, permezz ta' analiżijiet dokumentarji, fuq talba u kif adatt, abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-mudell konġunt tal-UNODC-IAEA dwar il-kriminalizzazzjoni tat-terroriżmu nukleari, il-kwestjonarju ta' awtovalutazzjoni żviluppat mill-UNODC u ospitat fil-paġna tal-ICSANT fuq is-sit web tal-UNODC, il-Manwal tal-UNODC dwar Assistenza Legali Reċiproka u l-Estradizzjoni u l-Ġhodda tal-UNODC għat-Tfassil ta' Talba għal Assistenza Legali Reċiproka, prattiki tajba identifikati permezz tal-kompilazzjoni tal-UNODC tal-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni nazzjonali tal-Artikolu 2 tal-ICSANT, kif ukoll għodod li għandhom jiġu żviluppati mill-UNODC fl-Output 2.3. L-UNODC ser joffri lill-benefiċjarji l-possibbiltà li jippreżentaw l-emendi leġiżlattivi ssuġġeriti lill-membri Parlamentari.

Output 2.2: Tisħiħ tal-kapaċità tas-sistemi nazzjonali tal-ġustizzja kriminali biex jipprevjenu, jikxfu, irażżnu, jinvestigaw, iħarrku u jaġġudikaw reati relatati mal-ICSANT

L-UNODC ser jorganizza ħames (5) seminars nazzjonali għal alumni ta' ċentri tal-edukazzjoni u t-taħriġ ġudizzjarji u għaxar (10) webinars dwar diversi aspetti tal-applikazzjoni tal-ICSANT. L-UNODC ser iserraħ fuq ir-rekord twil ippruvat ta' għarfien espert dwar is-suġġett żviluppat mill-Programm ta' Prevenzjoni tat-Terroriżmu CBRN tiegħu f'konformità mal-mandat mogħti lill-UNODC mill-Assemblea Ġenerali tan-NU.

Attività 2.2.1: Seminars nazzjonali għal ċentri tal-edukazzjoni u t-taħriġ ġudizzjarji (UNODC)

L-UNODC ser iwettaq ħames (5) seminars għal ċentri tal-edukazzjoni u t-taħriġ ġudizzjarji fl-Istati Partijiet sabiex isaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jimplimentaw b'mod effettiv l-ICSANT u jżidu l-għarfien dwar il-Konvenzjoni. Is-seminars ser jippreżentaw, fost l-oħrajn, il-manwal dwar każijiet fittizji relatati ma' reati taħt l-ICSANT u materjal ieħor żviluppat mill-UNODC, inkluż dak żviluppat fl-Output 2.3, u ser japplikaw metodoloġija ta' taħriġ għal min iħarreġ sabiex jiżguraw is-sostenibbiltà.

Attività 2.2.2: Sensiela ta' webinars (UNODC)

L-UNODC ser iwettaq għaxar (10) webinars dwar diversi aspetti ewlenin tal-ICSANT, bħall-ġurisdizzjoni, l-estradizzjoni, id-drittijiet tal-bniedem, u l-preservazzjoni tal-evidenza, fost l-oħrajn. Il-webinars ser isiru b'diversi lingwi. Ser jiġu mistiedna entitajiet internazzjonali oħra, bħall-IAEA, l-INTERPOL, iċ-Ċentri ta' Eċċellenza tal-UE għas-CBRN, u l-Kumitat 1540, fost l-oħrajn. Ir-reġistrazzjonijiet tal-webinar ser ikunu disponibbli online biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà. L-istediniet għal Missjonijiet Permanenti ser jinkoraġġixxu l-partekippazzjoni tal-partijiet ikkonċernati nazzjonali rilevanti, inkluż il-Membri Parlamentari.

Output 2.3: Żvilupp, aġġornament, tkabbir u/jew speċjalizzazzjoni ta' għodod ta' assistenza teknika

Attività 2.3.1: Sit web tal-ICSANT (UNODC)

Il-paġna tal-ICSANT fuq is-sit web tal-UNODC (unodc.org/icsant) sar il-punt ta' referenza għall-prattikanti fid-dinja kollha peress li fih ir-riżorsi kollha disponibbli dwar il-Konvenzjoni, inkluż l-istorja proċedurali tagħha, l-istatus tal-aderenza, artikli analitiċi, ġabra ta' leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni nazzjonali, għodod għat-tisħiħ tal-kapaċità u assistenza teknika u leġiżlattiva relatata tal-UNODC. Sa mit-tnedija tiegħu f'Settembru 2021, is-sit web ġie kkonsultat minn aktar minn 10,000 utent. L-UNODC ser iżomm, jaġġorna regolarment u jkompli jimla s-sit web bil-lingwi uffiċjali kollha tan-NU (l-Għarbi, iċ-Ċiniż, l-Ingliż, il-Franċiż, ir-Russu u l-Ispanjol). Pereżempju, is-sit web ser jospita l-għodod ġodda kollha żviluppati, ir-rapporti tal-avvenimenti u leġiżlazzjoni nazzjonali addizzjonali li timplimenta l-Artikolu 2 tal-ICSANT.

Barra minn hekk, is-sit web ser jospita bażi ta' data tal-awtoritajiet maħtura tal-ICSANT (skont l-output 4.1).

Attività 2.3.2: Għodod speċjalizzati ta' assistenza teknika (UNODC)

L-UNODC ser jiżviluppa u jippubblika f'verżjoni stampata u f'verżjoni elettronika fil-paġna tal-ICSANT fuq is-sit web tal-UNODC (unodc.org/icsant) għodod addizzjonali u speċjalizzati ta' assistenza teknika dwar l-ICSANT bis-sitt lingwi uffiċjali kollha tan-NU. Il-materjal ser jinkludi:

- Settijiet ta' għodod dwar aspetti differenti tal-ICSANT (eż. il-ġuriżdizzjoni, id-drittijiet tal-bniedem, is-sekwestru u l-protezzjoni ta' materjal li ma jaqax taħt il-kontroll regolatorju u l-kooperazzjoni internazzjonali)
- Sett ta' għodod dwar sinerġiji mal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Fiżika tal-Materjal Nukleari (CPPNM) u l-Emenda tagħha
- Sett ta' għodod dwar is-sinerġiji mar-riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU
- Sett ta' għodod dwar id-dispożizzjonijiet kriminali tal-mudell li jkopru r-reati stipulati fl-ICSANT, is-CPPNM u l-Emenda tagħha, żviluppat b'mod konġunt mill-IAEA u l-UNODC

Attività 2.3.3: Filmat dwar l-istorja proċedurali u d-dispożizzjonijiet ewlenin tal-ICSANT (UNODC)

L-UNODC ser jipproduċi filmat li jispjega l-istorja proċedurali u d-dispożizzjonijiet ewlenin tal-ICSANT. Il-filmat ser jikkellmu diversi Stati Partijiet u partijiet ikkonċernati oħra, filwaqt li jiżgura bilanċ ġeografiku u bejn il-ġeneri u jenfasizza l-importanza tal-ICSANT. Il-filmat ser ikun disponibbli bis-sitt lingwi uffiċjali kollha tan-NU fil-paġna tal-ICSANT fuq is-sit web tal-UNODC (unodc.org/icsant).

Eżitu 3: Politiki, prattiki u proċeduri msaħħa għall-prevenzjoni, il-kxif u r-rispons għat-treddida ta' atturi mhux Statali, inkluż terroristi, l-akkwist, il-pussess u/jew l-użu ta' materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor u għarfien u fehim imtejba tat-treddida tat-terroriżmu radjoloġiku u nukleari u mġiba kriminali oħra li tinvolvi tali materjal.

Output 3.1: Tisħiħ tal-kapaċità tal-Istati Membri li jipprevjenu, jikxfu, u jagħtu rispons għall-akkwist, il-pussess u/jew l-użu ta' materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor

L-UNOCT/UNCCT ser jorganizza erba' (4) workshops reġjonali u eżerċizzji ta' simulazzjoni biex jiżviluppa l-kapaċità tal-Istati Membri fil-ġlieda kontra t-terroriżmu nukleari fl-Afrika, l-Asja Ċentrali u l-Kawkasu u fix-Xlokk u l-Lvant tal-Ewropa. Il-workshops reġjonali u l-eżerċizzji ta' simulazzjoni ser itejbu l-kapaċità tal-Istati Membri fil-kxif, il-forensika, ir-rispons u l-mitigazzjoni tat-terroriżmu radjoloġiku u nukleari inkluż l-użu ta' metodoloġija mfassla apposta biex tassisti lill-awtoritajiet nazzjonali biex jimplimentaw b'mod effettiv l-ICSANT u jsaħħu l-kooperazzjoni internazzjonali, filwaqt li juru l-importanza tal-aderenza għall-Konvenzjoni. Il-workshops ser jinkoraġġixxu l-identifikazzjoni ta' promoturi reġjonali u skambji ta' prattiki tajba Nofsinar-Nofsinar. Barra minn hekk, l-għażla tal-pajjiżi ser tkun ibbażata, fost l-oħrajn, fuq is-sejbiet u l-konklużjonijiet tal-*Valutazzjoni tat-Theddid Globali* imwettqa mill-UNOCT/UNCCT u l-INTERPOL dwar *Atturi Mhux Statali u l-Użu Potenzjali ta' Materjal CBRNE minnhom*.

Attività 3.1.1: Workshops reġjonali u eżerċizzji ta' simulazzjoni biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Istati Membri fil-ġlieda kontra t-terroriżmu nukleari (UNOCT)

L-UNOCT/UNCCT ser jorganizza erba' (4) workshops reġjonali u eżerċizzji ta' simulazzjoni għat-tisħiħ tal-kapaċità fl-oqsma li ġejjin:

Il-ġlieda kontra t-terroriżmu radjoloġiku u nukleari b'enfasi fuq id-detezzjoni biex tiġi żviluppata l-kapaċità fil-qasam tad-detezzjoni, b'enfasi fuq l-identifikazzjoni u l-applikazzjoni ta' prattiki tajba għad-detezzjoni ta' materjal radjoloġiku/nukleari b'informazzjoni u strumenti li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċità fil-ġlieda kontra t-terroriżmu radjoloġiku u nukleari fir-rigward tal-ġestjoni tas-sigurtà tal-fruntieri.

Il-ġlieda kontra t-terroriżmu radjoloġiku u nukleari b'enfasi fuq il-forensika biex issaħħaħ il-kapaċità fil-qasam tal-forensika għad-detezzjoni, b'mod partikolari biex tintwera l-importanza tal-forensika nukleari, il-koordinazzjoni bejn l-aġenziji, u b'hekk tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċità fil-ġlieda kontra t-terroriżmu radjoloġiku u nukleari.

Il-ġlieda kontra t-terroriżmu radjoloġiku u nukleari b'enfasi fuq ir-rispons u l-mitigazzjoni biex tissaħħaħ il-kapaċità fil-qasam tar-rispons u l-mitigazzjoni, b'attenzjoni partikolari fuq il-kapaċità li jingħata rispons effettiv, f'waqtu, u koordinat għal inċidenti terroristiċi li jinvolvu materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor bħala element essenzjali ta' qafas ta' sigurtà nukleari.

Output 3.2. Titjib fl-għarfien u l-fehim tal-Istati Membri tat-theddid tat-terroriżmu radjoloġiku u nukleari

L-UNOCT/UNCCT ser jorganizza erba' (4) korsijiet ta' taħriġ nazzjonali mfassal apposta u wiċċ imb'wiċċ għal erba' (4) Stati Membri biex isaħħaħ il-kapaċità fil-ġlieda kontra t-terroriżmu radjoloġiku u nukleari. It-taħriġ ser isaħħaħ il-kapaċitajiet tal-Istati Membri biex, fost l-oħrajn, jifhmu r-riskju u t-theddid, jiżviluppaw kontromiżuri, jipprattikaw ir-rispons għal inċidenti, u jidentifikaw u jipproteġu l-infrastruttura kritika u r-riżorsi ewlenin. Għal dawn l-attivitajiet, L-UNOCT/UNCCT ser jibbenefika mill-esperjenza estensiva tal-portafoll ta' taħriġ żviluppat u implimentat mill-Programm Globali tiegħu dwar il-Prevenzjoni u r-Rispons għall-Armi ta' Qerda Massiva (AQM)/Terroriżmu Kimiku, Bijoloġiku, Radjoloġiku, Nukleari (CBRN), li ħarreġ aktar minn 1,500 uffiċjal.

Attività 3.2.1 : Taħriġ wiċċ imb'wiċċ nazzjonali dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu radjoloġiku u nukleari (UNOCT)

L-UNOCT/UNCCT ser jaħdem mal-Istati Membri biex jidentifikaw it-taħriġ adatt għall-ġlieda kontra t-terroriżmu, skont il-prijoritajiet u l-ħtiġijiet tagħhom, kif ġej:

Taħriġ nazzjonali - Kors Bażiku dwar it-Theddid Radjoloġiku u Nukleari li jippermetti lill-persunal jirrispondi b'mod effettiv f'xena radjoloġika u nukleari, filwaqt li jipprovdi rakkomandazzjonijiet biex dawk li jirrispondu jkunu jistgħu jaħdmu f'ambjent li fih aġenti radjoloġiċi u nukleari potenzjalment perikolużi.

Taħriġ nazzjonali - Kors Intermedju dwar it-Theddid Radjoloġiku u Nukleari li jintegra suġġetti rilevanti relatati mat-theddid radjoloġiku u nukleari. Dan ser jinkludi dimostrazzjonijiet u eżerċizzji prattiċi, u ser jilħaq il-qofol tiegħu f'xenarji realistiki li jinvolvu d-detezzjoni u l-interdizzjoni tat-traffikar radjoloġiku, l-identifikazzjoni ta' materjal radjoloġiku jew nukleari f'post ta' delitt, u r-rikonnoxximent ta' perikli u evidenza radjoloġiċi u nukleari.

Taħriġ nazzjonali - Kors Avvanzat dwar it-Theddid Radjoloġiku u Nukleari li jkopri theddid radjoloġiku u nukleari f'aktar dettall b'enfasi partikolari fuq apparat ta' tixrid radjoloġiku u apparat nukleari improvviżat.

Taħriġ nazzjonali - Kors dwar Kontromiżuri Radjoloġiċi u Nukleari li jippreżenta l-approċċ b'diversi aġenziji li jiffoka fuq l-iżvilupp ta' kontromiżuri għal theddid radjoloġiku u nukleari, u fuq ir-rispons konġunt għal inċidenti radjoloġiċi u nukleari, minn aġenziji nazzjonali ewlenin, inkluż l-infurzar tal-liġi, id-dwana, l-aġenziji tas-sigurtà, persuni tal-ewwel rispons, l-intelligence, is-saħħa pubblika, l-awtoritajiet regolatorji, l-industrija, eċċ.

Taħriġ nazzjonali - Kors dwar il-Protezzjoni ta' Infrastruttura Kritika li jiffoka fuq setturi li jistgħu jiġu attakkati direttament bħal impjanti tal-enerġija nukleari, reatturi tar-riċerka nukleari, postijiet li fihom sorsi tar-radju, nodi tat-trasport, kif ukoll setturi li jistgħu jkunu fil-mira ta' atturi mhux Statali biex jinkisbu teknoloġiji sensittivi u kontrollati.

Eżitu 4: Kooperazzjoni nazzjonali u internazzjonali msaħħa, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni, fi ħdan u fost l-Istati Partijiet fit-tfassil u l-adozzjoni ta' miżuri effettivi u prattiċi għall-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni.

Output 4.1: Skambju ffaċilitat ta' informazzjoni kif meħtieġ mill-ICSANT

B'effett mit-3 ta' Ottubru 2022, l-UNODC għe uffiċjalment inkarigat, skont il-mandat, ir-rwol u l-għarfien espert tiegħu dwar l-ICSANT, mill-Uffiċċju tan-NU għall-Affarijiet Legali (OLA) – fir-rwol tiegħu li jeżerċita l-funzjonijiet depożitarji tas-Segretarju Ġenerali għal din il-Konvenzjoni – jirċievi u jxerred in-notifiki tal-ħatra ta' awtoritajiet mill-Istati Partijiet skont l-Artikolu 7(4). In-notifiki kollha ta' dan it-tip għalhekk għandhom jintbagħtu f'dan l-indirizz elettroniku: unodc-icsant@un.org. In-notifiki li jaslu għandhom jiġu ppubblikati fil-paġna tal-ICSANT fuq is-sit web tal-UNODC u – soġġett għal trażmissjoni ulterjuri mill-UNODC lill-OLA – fuq is-sit web tal-Ġbir tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti.

Attività 4.1.1: Kampanja biex l-Istati Partijiet għall-ICSANT jiġu mħeġġa jaħtru awtorità kompetenti u punt ta' kollegament skont l-Artikolu 7(4) tal-Konvenzjoni (UNODC)

L-UNODC ser iwettaq attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni bil-għan li jħeġġu lill-Istati diġà parti għall-ICSANT iħarsu l-obbligu stipulat fl-Artikolu 7(4), li jirrikjedi li l-Istati Partijiet jinfurmaw lin-Nazzjonijiet Uniti dwar l-awtoritajiet kompetenti u l-punti ta' kollegament tagħhom responsabbli milli jibagħtu u jirċievu informazzjoni relatata mal-ICSANT. L-attivitajiet ser jinkludu li jintbagħtu ittri lill-Missjonijiet Permanenti rilevanti li jitolbuhom iħarsu l-obbligu tagħhom skont l-Artikolu 7(4); li jsiru laqgħat bilaterali; li jitħejjew fuljetti u materjal ieħor ta' sensibilizzazzjoni bis-sitt lingwi uffiċjali kollha tan-NU.

Attività 4.1.2: Laqgħa tal-awtoritajiet kompetenti u punti ta' kollegament nazzjonali tal-ICSANT (UNODC)

L-UNODC ser jorganizza l-ewwel laqgħa ta' dawn l-awtoritajiet kompetenti u punti ta' kollegament fi Vjenna, l-Awstrija, fit-tielet sena tal-proġett. Il-laqgħa ser tinkludi, fost l-oħrajn, eżerċizzju simulat ta' koordinazzjoni u taħriġ dwar kif tkun punt ta' kollegament effettiv skont l-Artikolu 7(4). Il-laqgħa ser tkun imfassla għall-punti ta' kollegament nazzjonali u partijiet ikkonċernati nazzjonali rilevanti oħra.

Attività 4.1.3: Briefings virtwali tal-ICSANT għan-networks ġudizzjarji u ta' sigurtà eżistenti tal-UNODC (UNODC)

Abbażi tan-networks ta' kooperazzjoni li ilhom jeżistu, magħmula minn punti fokali ta' sigurtà u ġudizzjarji stabbiliti mill-UNODC f'reġjuni differenti tad-dinja (eż., għas-Saħel, il-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq, u l-Oċean Indjan), l-UNODC ser jagħti briefings tekniċi online u jaħdem flimkien ma' dawn in-networks b'mod virtwali bl-użu ta' metodoloġija ta' taħriġ għal min iħarreġ. Il-punti fokali ta' dawn in-networks li ilhom jeżistu jikkooperaw regolarment billi janalizzaw l-isfidi operazzjonali, jaqsmu prattiki tajba b'rispons għal dawn l-isfidi u jiddiskutu każijiet rilevanti.

Output 4.2: L-aħjar prattiki u tagħlimiet meħuda dwar l-aderenza għall-ICSANT u l-implimentazzjoni tagħha jintużaw minn udjenzi fil-mira fil-livell reġjonali biex iżidu l-implimentazzjoni effettiva tal-ICSANT u s-sigurtà nukleari

Attività 4.2.1: Laqgħat tal-Komunitajiet ta' Prattikanti (UNOCT)

L-UNOCT/UNCCT ser jorganizza erba' (4) laqgħat biex jippromwovi l-kooperazzjoni nazzjonali ta' prattikanti fil-qasam radjoloġiku u nukleari u ta' kontra t-terroriżmu sabiex tittejjeb il-kondiviżjoni ta' informazzjoni u intelligence, kif ukoll il-koordinazzjoni bejn l-aġenziji. Dawn il-laqgħat ser ilaqgħu flimkien komunitajiet ta' prattikanti ma' rappreżentanti mill-aġenziji tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, id-dwana, persuni tal-ewwel rispons, l-intelligence, il-ġudikatura, l-infurzar tal-liġi, korpi tat-tfassil ta' politika/teħid ta' deċiżjonijiet, uffiċjali tas-saħħa pubblika, l-awtoritajiet regolatorji nukleari, eċċ. Il-laqgħat ser jippermettu lill-komunitajiet tal-prattikanti jidentifikaw lakuni, sfidi u tagħlimiet meħuda kif ukoll jikkondividu l-aħjar prattiki relatati mal-iskambju ta' informazzjoni, il-kondiviżjoni ta' intelligence u l-kooperazzjoni internazzjonali. Dawn il-komunitajiet ser irawmu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-partijiet ikkonċernati rilevanti għall-implimentazzjoni effettiva tal-ICSANT u s-sigurtà nukleari, u ser jibbenefikaw mill-Pjattaforma Connect & Learn tal-UNOCT. Immedja f'Ottubru 2021, din l-ġhodda innovattiva online għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tlaqqqa' flimkien l-Istati Membri, is-settur privat, il-qasam akkademiku, gruppi ta' riflessjoni, istituti tar-riċerka u s-soċjetà ċivili biex issaħħaħ l-ġhoti ta' assistenza teknika wiċċ imb'wiċċ. Il-pjattaforma hija għodda virtwali unika li tegħleb ostakli bħall-ispiża, id-distanzi ġeografiċi, u r-restrizzjonijiet tal-pandemija billi tagħmel ir-riżorsi tal-ġlieda kontra t-terroriżmu (CT) u tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti (PCVE) aċċessibbli għal diversi partijiet ikkonċernati u prattikanti f'kull ħin u post.